



Brussell, 3 ta' Novembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0129(COD)

10498/2/25
REV 2 ADD 1

PI 126
PHARM 88
CODEC 862
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-immaniġġar tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Ottubru 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-27 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppubblikat pakkett leġislativ maħsub biex jimmodernizza u jiżviluppa aktar il-liġi dwar il-privattivi fl-UE, li jibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Proprietà Intellettwali tal-2020¹ tal-Kummissjoni.
2. Il-pakkett dwar il-privattivi fih sitt proposti leġislativi, inkluż il-proposta għal Regolament dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament 816/2006. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar il-proposta fl-20 ta' Settembru 2023². Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Lulju 2023.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta fit-13 ta' Marzu 2024, wara l-adozzjoni tar-rapport dwar il-proposta fil-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) tat-13 ta' Frar 2024. Fit-18 ta' Novembru 2024, il-Kumitat JURI tal-Parlament Ewropew reġa' ħatar lis-Sur Adrián Vázquez Lázara (PPE, ES) bħala rapporteur għall-proposta.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Proprietà Intellettwali beda l-eżami sostanzjali tal-proposta f'Jannar 2024, taħt il-Presidenza Belġjana. L-eżami sar fuq tmien laqgħat, minn Jannar sa Mejju 2024.
6. Abbażi tal-eżami tat-test, fis-26 ta' Ġunju 2024 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta l-mandat tal-Kunsill⁴ għal negozjati interistituzzjonali.

¹ 13354/20.

² 13349/23.

³ T9-0143/2024.

⁴ 11613/24.

7. In-negozjati interistituzzjonali bdew bl-ewwel trilogu fl-10 ta' Diċembru 2024 taħt il-Presidenza Ungeriża. It-tieni u t-tielet trilogi saru taħt il-Presidenza Pollakka, fis-26 ta' Marzu u l-21 ta' Mejju 2025 rispettivament. Barra minn hekk, saru 21 laqgħa teknika interistituzzjonali. Intlaħaq ftehim proviżorju bejn il-koleġislaturi fit-tielet trilogu tal-21 ta' Mejju 2025.
8. Fit-13 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u kkonfermah.⁵
9. Il-Kumitat JURI tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali fl-24 ta' Ġunju 2025. Fit-30 ta' Ġunju 2025, il-President tal-JURI indirizza ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-ftehim proviżorju ġenerali maqbul, hu jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.

II. OBJETTIV

10. L-objettiv tar-Regolament propost huwa li jintroduċi sistema ta' liċenzjar obligatorju tal-Unjoni li tista' ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE billi tindirizza ċerti kriżijiet li għandhom dimensjoni transfruntiera fl-Unjoni. F'sitwazzjonijiet fejn mezzji oħra, inkluż ftehimiet volontarji, jistgħu ma jinstabux jew jistgħu ma jkunux adegwati, il-liċenzja obligatorja tal-Unjoni tiffaċilita l-aċċess għal prodotti rilevanti għall-kriżijiet li huma protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

11. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq ftehim bejn il-koleġislaturi:
 - i. Ir-Regolament ma jimponi ebda obbligu li jiġu divulgati sigrieti kummerċjali. Madankollu, ġiet introdotta kjarifika biex telabora li r-Regolament ma jipprekludix il-konklużjoni volontarja ta' ftehimiet dwar sigrieti kummerċjali.

⁵ 9765/25.

- ii. Fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni, l-Att dwar iċ-Ċipep u r-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass tneħħew mil-lista ta' strumenti ta' kriżi li jiskattaw il-possibbiltà li tingħata liċenzja obbligatorja tal-Unjoni. Intlaħaq ftehim li l-istrumenti ta' kriżi li fadal jiġu elenkati biss fl-Anness tar-Regolament, u l-prodotti relatati mad-difiża ġew esklużi b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni.
- iii. L-atti ta' implimentazzjoni dwar l-ġhoti, il-modifika u t-terminazzjoni tal-liċenzja obbligatorja tal-Unjoni ser jiġu adottati bl-użu tal-proċedura ta' eżami. Iddaħħlet klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni biex jiġi żgurat li l-atti ta' implimentazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu adottati meta l-kumitat tal-komitoloġija ma jagħtix opinjoni.
- iv. Kien hemm ftehim li waħda mill-kundizzjonijiet ġenerali għall-ġhoti ta' liċenzja obbligatorja tal-Unjoni tkun li ma setgħax jintlaħaq ftehim volontarju fi żmien raġonevoli. Madankollu, żdiedet dispożizzjoni biex tiċċara li l-ftehimiet volontarji jistgħu jiġu konklużi fi kwalunkwe ħin matul jew wara l-proċess obbligatorju tal-ġhoti ta' liċenzja.
- v. Tneħħa l-limitu massimu ta' 4 % fuq ir-remunerazzjoni, propost mill-Kummissjoni. Il-kriterji għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni ġew aġġustati biex jenfasizzaw il-valur ekonomiku tal-attivitajiet rilevanti awtorizzati skont il-liċenzja obbligatorja tal-Unjoni u l-appoġġ pubbliku riċevut għall-iżvilupp tal-invenzjoni.
- vi. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għan-nuqqas tad-detentur ta' liċenzja li jikkonforma mal-obbligi previsti fir-Regolament ġew aġġustati biex jirriżultaw f'pagamenti aktar baxxi minn dawk proposti mill-Kummissjoni, kif ukoll biex jittieħed kont tal-SMEs. Ir-Regolament ma jipprevedix multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali għad-detenturi tad-drittijiet.
- vii. Fir-rigward tal-emendi għar-Regolament (KE) Nru 816/2006 għall-esportazzjoni, il-koleġiżlaturi ddeċidew li jillimitaw il-bidliet introdotti għal dawk li jippermettu li r-Regolament (KE) Nru 816/2006 u r-Regolament dwar il-liċenzjar obbligatorju tal-Unjoni jeżistu flimkien b'mod legalment sod.
- viii. Il-Kummissjoni hija obbligata tivvaluta regolarment il-lista ta' strumenti ta' kriżi fl-Anness tar-Regolament u tirrapporta lura dwar il-valutazzjoni lill-koleġiżlaturi kull ħames snin. Bħala parti mill-evalwazzjoni, il-Kummissjoni ser ikollha tiffoka speċifikament fuq il-kwistjoni tas-semikondutturi għat-tagħmir mediku.

IV. KONKLUŻJONI

12. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negożjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
 13. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negożjati u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament ser jintroduċi sistema ta' liċenzjar obbligatorju tal-Unjoni li ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE billi tindirizza kriżijiet li għandhom dimensjoni transfruntiera fl-Unjoni.
-